2024/2650

14.10.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2650

tal-10 ta' Ottubru 2024

li tnaqqas mill-finanzjament tal-Unjoni ċertu nefqa mġarrba minn ċerti Stati Membri fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

(notifikata bid-dokument C(2024) 6993)

(It-testi bil-Bulgaru, bid-Daniż, bil-Ġermaniż, bir-Rumen u bis-Slovakk biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 54(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u mal-Artikolu 36 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 ([2]), il-Kummissjoni jeħtiġilha twettaq il-valutazzjonijiet meħtieġa, tikkomunika lill-Istati Membri r-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet filwaqt li tqis il-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-Istat Membru fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni f'konformità mal-Artikolu 134(8) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u tikkomunikalhom il-konklużjonijiet tagħha.

(2) Hija biss in-nefqa li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(2) u tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2116, li tikkorrispondi għall-interventi msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115, u li għandha output korrispondenti kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2021/2116, u fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115, li tista' tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni.

(3) Fid-dawl tal-valutazzjoni mwettqa, u filwaqt li jitqiesu l-ġustifikazzjonijiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-parti tan-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u li tikkorrispondi għall-interventi msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115, li ma għandhiex output korrispondenti kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(3) u fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115, titnaqqas mill-finanzjament tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 36(4) u (5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128.

(4) Rigward l-interventi koperti minn din id-Deċiżjoni, fir-rapport ta' sinteżi li ħareġ dwar is-suġġett il-Kummissjoni tinnotifika lill-Istati Membri dwar il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jitnaqqsu minħabba nonkonformità mad-dritt tal-Unjoni ([4]),

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-verifiki, il-garanziji u t-trasparenza (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/128/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

([4]) Ares(2024)6296982.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti stabbiliti fl-Anness u relatati man-nefqa ddikjarata mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri fl-ambitu tal-FAEG jew tal-FAEŻR, li jikkorrispondu għall-interventi msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115 u li ma għandhomx output korrispondenti kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(3) u fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom jitnaqqsu mill-finanzjament tal-Unjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Rumanija u lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Deċiżjonijiet ta' tnaqqis finanzjarju

FAEG

Partita tal-Baġit: 6200

Stat Membru	Intervent (Isem tal-ammont unitarju ppjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjalment approvat/ aċċettat	Qbiż nett deċiż	Rata ta' kofinanz-jament	Parti tal-UE
BG	I.E.7 - Действия за запазване или увеличаване на наличния брой пчелни кошери в Съюза, включително развъждане на пчели - I.E.7 - Средна единична сума за подпомагане за рояк (отводка)	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	396,00	0,00	396,00	100,00%	396,00
			Total għall-Bulgarija:	**EUR**	**396,00**	**0,00**	**396,00**		**396,00**

Stat Membru	Intervent (Isem tal-ammont unitarju ppjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjalment approvat/ aċċettat	Qbiż nett deċiż	Rata ta' kofinanz-jament	Parti tal-UE
DE	SP-0202 - Aufbau, Verbesserung und Verbreitung imkerlichen Wissens - DE9-SP-0202-00-0-01 - Bienen-Schulungen	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	11 767,00	0,00	11 767,00	100,00%	11 767,00
DE	SP-0202 - Aufbau, Verbesserung und Verbreitung imkerlichen Wissens - DEG-SP-0202-00-0-01 - Imkereiprogramm-Schulung	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	1 649,42	0,00	1 649,42	100,00%	1 649,42
DE	SP-0203 - Investitionen zur Verbesserung der Erzeugung und Vermarktung, des Arbeits- und Gesundheitsschutzes, Anwendung von Bekämpfungsmaßnahmen - DEF-SP-0203-00-0-01 - Anschaffung von Maschinen und Geräten zum Wissenstransfer	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	500,00	0,00	500,00	100,00%	500,00
			Total għall-Ġermanja:	**EUR**	**13 916,42**	**0,00**	**13 916,42**		**13 916,42**

Stat Membru	Intervent (Isem tal-ammont unitarju ppjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjal-ment approvat/ aċċettat	Qbiż nett deċiż	Rata ta' kofinanz-jament	Parti tal-UE
RO	IS-A-01 - Servicii de consiliere, asistență tehnică, formare, informare și schimb de bune practici, inclusiv prin colaborarea în rețea, pentru apicultori și pentru organizațiile de apicultori - IS-A 01-01 - Consultanță în apicultură	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	20 100,72	0,00	20 100,72	100,00%	20 100,72
RO	IS-A-02 - Promovare, comunicare și marketing, inclusiv acțiuni de monitorizare a pieței și activități care vizează în special sensibilizarea consumatorilor în privința calității produselor apicole - IS-A 02-01 - Cheltuială per acțiune de promovare	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	1 126,52	0,00	1 126,52	100,00%	1 126,52
RO	IS-A-05 - Investiții în active corporale și necorporale, precum și alte acțiuni, inclusiv pentru raționalizarea transhumanței - IS-A 05-02 - Achiziționarea de accesorii apicole	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	117 911,34	0,00	117 911,34	100,00%	117 911,34
			Total għar-Rumanija:	**EUR**	**139 138,58**	**0,00**	**139 138,58**		**139 138,58**

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2650/oj

Stat Membru	Intervent (Isem tal-ammont unitarju ppjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjalment approvat/ aċċettat	Qbiż nett deċiż	Rata ta' kofinanz-jament	Parti tal-UE
SK	55.1.3 - Podpora laboratórií - 55.1.3.1 - Priemerná čiastka podpory na jednu vzorku	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	535,57	0,00	535,57	100,00%	535,57
			Total għas-Slovakkja:	**EUR**	**535,57**	**0,00**	**535,57**		**535,57**

Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjalment approvat/aċċettat	Qbiż nett deċiż	Parti tal-UE
EUR	**153 986,57**	**0,00**	**153 986,57**	**153 986,57**

Partita tal-Baġit: 6201

Stat Membru	Intervent (Isem tal-ammont unitarju ppjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjalment approvat/ aċċettat	Qbiż nett deċiż	Rata ta' kofinanz-jament	Parti tal-UE
DE	EL-0703 - LEADER - DEA-EL-0703-00-0-01 - LEADER	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	5 809,03	0,00	5 809,03	80,00%	4 647,22
			Total għall-Ġermanja:	**EUR**	**5 809,03**	**0,00**	**5 809,03**		**4 647,22**

Stat Membru	Intervent (Isem tal-ammont unitarju ppjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjalment approvat/ aċċettat	Qbiż nett deċiż	Rata ta' kofinanz-jament	Parti tal-UE
DK	25 - LAG - 25.01 - LEADER/LAG	2023	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	9 915,55	9 711,79	203,76	80,00%	163,01
			Total għad-Danimarka:	**EUR**	**9 915,55**	**9 711,79**	**203,76**		**163,01**

Munita	Ammont gross (Qbiż jew eċċess)	Parzjalment approvat/ aċċettat	Qbiż nett deċiż	Parti tal-UE
EUR	**15 724,58**	**9 711,79**	**6 012,79**	**4 810,23**

Deċiżjonijiet ta' tnaqqis finanzjarju	Qbiż nett deċiż (Parti tal-UE)
FAEG	153 986,57
FAEŻR	4 810,23
TOTAL:	**158 796,80**